## EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO U L-ISKOLA SEKONDARJA 2003

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**Il-Ħames Klassi** **MALTI** **L-Oral - Qari**

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 1 IL-MANIKATA - IL-BINI TAL-KNISJA adattament minn kitba ta' Charles Knevitt (1980)

Fil-quċċata ta' l-għolja li sserdek fuq il-wied għammiel taħt ir-raħal tal-Manikata, 'il fuq mill-gozz djar kubiċi u solidi bl-erjals tat-televixin irqaq u koroh, hemm il-knisja ta' San Ġużepp, imponenti u soda, sempliċi imma fl-istess ħin punt ta' riferiment qawwi fil-firxa tal-pajsaġġ hekk li ġġiegħel lil dak li jkun jieqaf u jaħseb, dawl li jsejjaħ kbar u żgħar, raħlin u barranin, fil-forma embrionika ta' żewġ taqsimiet nofs tond li jkebbuk u jħaddnuk bejniethom.

Tilma fix-xemx sirġiena u qawwija tal-Mediterran u mrewħa miż-żiffa ħafifa tar-riħ fuq, hija post ta' solitudni, kenn, rifuġju u talb. Taqbel ma' l-ambjent b'mod mhux komuni, donnha mhix maħkuma miż-żmien; timliek bi spirtu li jesprimi x-xenqa tal-bniedem li jitwaħħad ma' l-Univers u mal-Ħallieq - espressjoni ta' fidi sħiħa u tanġibbli u stqarrija liema bħala ta' rabta ma' Alla.

Dan f'ambjent li f'dawn l-aħħar snin ra d-desakrazzjoni apposta u bl-addoċċ ta' l-istruttura ambjentali fraġli tal-gżira f'isem il-*progress.* Minkejja li ngħata l-allarm għal dan, l-għodda tal-qirda fl-assedji ta' l-imgħoddi u l-ajruplani jixħtu l-bombi tal-gwerer aktar fil-qrib ħadulhom posthom il-gafef - arma daqshekk ieħor distruttiva u ma tqis xejn quddiemha, fl-idejn bieżla u ħerqana ta' min ma jħossx u ma jifhimx.

Imma l-knisja l-ġdida tal-Manikata tgħożż l-imgħoddi tagħha, tixhed it-twemmin tagħha fil-preżent u tqiegħed it-tama u l-fiduċja tagħha fil-futur, waqt li tieħu ħajja mir-ruħ ta' l-inħawi u r-riferenza tagħha skond iż-żmien. Hija ċaħda *post Cartesjana* ta' dak li Richard England isejjaħ: *il-mekkaniżmu estetiku puritaniku għal għaqda tal-moħħ u l-qalb, b'sejħa ferrieħa għall-ħajja.*

**Mistoqsijiet / Punti Ewlenin**

1. X'jingħad fuq il-post fejn tinsab u fuq l-għamla tal-knisja tal-Manikata?
2. Kif tidher u kif taqbel ma' l-ambjent ta' madwarha?
3. X'kien qed jiġri fl-ambjent fraġli tal-gżira ?
4. X'tispira, skond il-kittieb, il-knisja tal-Manikata?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **FRANCESCO ZAHRA (1710-1773) - pittur u disinjatur - minn kitba ta' Mario Buhagiar.**

Francesco Zahra kien pittur ta' talent, ħafna drabi ta' sensittivitaċ qawwija fit-tradizzjoni Barokka Naplitana. Fl-oqsma internazzjonali ta' l-arti, ismu mhux magħruf, tista' tgħid. Imma f'Malta fejn twieled, u safejn nafu, aktarx tgħallem u fejn qatta' kważi ħajtu kollha, għandu għarfien minn kulħadd bħala l-aqwa pittur tal-gżira.

Jidher li kien jipproduċi ħafna xogħlijiet, u għalkemm ma hemmx dokumenti li jixhdu dan, aktarx li kellu ħanut tax-xogħol jew *bottega* imqabbda ġmielha, fejn kellu assistenti jgħinuh ilaħħaq mal-ħafna kummissjonijiet li ma tantx kienu jħallulu nifs. Kellu karriera twila ta' aktar minn wieħed u erbgħin sena, mill-1732 meta ngħata l-ewwel biċċa xogħol li nafu biha, sal-1773 meta miet.

Ix-xogħol tiegħu kien jinkludi pitturi fis-soqfa ta' knejjes, kwadri għal altari, pitturi oħra kbar għal knejjes ukoll, għadd ta' pitturi devozzjonali żgħar għall-privat u għadd ta' ritratti ta' persuni. Dan minbarra studji u disinni preparatorji għal prospettivi ta' altari, għamara għal knejjes u għadd varju ta' xogħol fl-irħam bħal lapidi għal fuq l-oqbra u lavabi għal sagristijiet .

Ftit biss mill-kwadri tiegħu huma ffirmati minnu u hemm ftit xogħlijiet oħra dokumentati fiż-żgur. Għall-bqija, wieħed ikollu spiss joqgħod fuq attribuzzjonijiet tradizzjonali li mhux dejjem ikunu ta' min joqgħod fuqhom.

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin.**

1. Xi jgħid l-awtur fuq il-fama ta' Francesco Zahra?
2. X'inhu magħruf dwar il-karriera tiegħu?
3. X'tipi ta' xogħlijiet għamel?
4. Ix-xogħlijiet ta' Zahra kollha dokumentati?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**3** **NIKOLA ISOUARD (1775 - 1818)**

Nikola Isouard twieled fis-6 ta' Diċembru 1775. Ma' l-iskola beda jitgħallem il-mużika u l-pjanu, li aktar tard kompla jistudjahom f'Palermo, Napli u Firenze. Kiteb l-ewwel opra bl-isem *L'Avviso ai Maritati* meta kien għad ma kellux 20 sena. Meta ġie lura Malta, il-Grammastru De Rohan għall-ewwel ħatru organista, u mbagħad *maestro di cappella* tal-knisja konventwali ta' San Ġwann. Isouard ikkompona kantati fuq versi ta' l-istess Grammastru.

Meta ġew il-Franċiżi f'Malta, u waqt li hawn kien għadu sejjer l-imblokk, mar għal kollox mal-familja tiegħu f'Pariġi fi Frar tal-1800. F'din il-belt, wara fjask li kellu fil-bidu, bil-pariri ta' mużiċisti ħbieb u b'ħidma sfiqa f'karriera qasira ta' sittax-il sena, kiseb fama kbira u sar magħruf bħala r-riformatur tal-mużika Franċiża. Wieħed mill-akbar suċċessi kienet l-opra *Cendillon* li kienet rappreżentata mitt darba u ħallietlu qligħ finanzjarju ġmielu wkoll. B'kollox kiteb 46 opra u xi kantati u xogħlijiet oħra, minbarra bosta mużika sagra li sfortunatament ħadd ma jaf x'sar minnha.

Il-kompożitur Malti Nikola Isouard ma kienx fiżikament ta' saħħa kbira sa minn ċkunitu. Minbarra li kellu xi diżappunti fil-karriera, fiż-żmien tas-suċċess kien taha għax-xalar u b'hekk aktar qarreb it-tmiem tiegħu. F'Pariġi hemm busti ta' Isouard kemm fl-*Opera* u fit-teatru *Ventadour* u hemm ukoll triq imsemmija għalih.

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin:**

1. X'nafu fuq il-bidu tal-karriera ta' Nikola Isouard?
2. X'nafu fuq il-karriera tiegħu.
3. X'inhu magħruf fuq l-aħħar żmien ta' ħajtu u wara?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 4 ĠUŻEPPI CALIċ - minn kitba ta' Rafel Bonnici Caliċ

Ġużeppi Caliċ twieled fl-1846 fil-Belt Valletta. Fi tfulitu kien diġà popolari ma' sħabu għall-ħila li kellu biex ipinġihom. Missieru malajr induna b'din il-kwalità li kellu ibnu u kien hu li beda jħarrġu fl-arti. Meta kellu sbatax-il sena, it-talent li kellu Ġużeppi ġibed l-attenzjoni ta' sinjur li offra lill-ġenituri tiegħu li jibagħtu jkompli jistudja l-arti barra minn Malta, spejjeż tiegħu. Caliċ mar fl-*Accademia di Belle Arti* ta' Napli. Kemm dam hemm kien sar ħabib ta' Morelli, l-aktar pittur Naplitan li kien popolari dik il-ħabta.

Meta ġie lura Malta, intefa' b'ruħu u ġismu għax-xogħol. Kien jagħmel pitturi dekorattivi għad-djar tas-sinjuri u ritratti ta' personalitajiet importanti ta' żmienu. Imma l-ewwel li kiseb popolarità kien permezz tal-kwadru: *Il-Mewt ta' Dragutt* li hu pitter fl-1867 u li xtrah il-gvern għall-armerija tal-palazz. Ġużeppi Caliċ għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu jpitter fil-knejjes u huwa magħruf l-aktar għad-dekorazzjoni tat-trollijiet. L-ewwel knisja li pitter kollha kemm hi kienet dik ta' Bormla fl-1884.

Il-ħila artistika tiegħu għaġġbet lill-pittur Ruman Virginio Monti, li tant kellu stima għax-xogħol tal-pittur Malti li ma riedx iħassar il-pittura fl-apside tal-knisja ta' Santa Liena f'Birkirkara meta riduh jagħmel minflokha biċċa xogħol oħra minn tiegħu. Madankollu, pittur Taljan ieħor, Attilio Palombi, li wkoll kien ġie jaħdem f'Malta, kien qered wieħed mill-aħjar xogħlijiet li Caliċ kien għamel fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta.

**Mistoqsijiet / Punti Ewlenin**

1. X'jingħad fuq il-bidu tal-karriera tal-pittur Ġużeppi Caliċ?
2. Kif kien li kiseb popolarità u x'tipi ta' xogħol l-aktar li kien jagħmel?
3. X'jingħad fuq il-ħila artistika tiegħu?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

### 5 X'INHU L-FOLKLOR - minn kitba ta' Ġużeċ Cassar Pulliċino

Bil-kelma *folklor* nifhmu t-tradizzjoni, l-għerf bla miktub tal-poplu, bil-ħidmiet ta' l-id u tal-moħħ. Fil-livell tal-folklor din il-*kultura* hija aktarx rurali, pre-industrijali u mhix mekkanizzata.

Tħaddan fiha l-ħrejjef, il-leġġendi u rakkonti oħra popolari, il-proverbji, il-għana, iż-żfin u l-mużika folkloristika, il-ħaġa moħġaġa, il-logħob u l-mogħdija taż-żmien, il-festi, l-użanzi u divertimenti oħra ta' matul is-sena, it-twemmin fieragħ jew superstizzjonijiet, flimkien mas-snajja' l-qodma u l-arti tal-poplu bla tagħlim, il-kostruzzjonijiet primittivi bħal giren, irziezet u bini ieħor rustiku bl-għamajjar ta' ġo fihom, l-għodod tax-xogħol li ġejjin mill-imgħoddi, l-ilbies u l-modi li llum inqatgħu, l-għajat tal-bejjiegħa, l-ikel tradizzjonali, id-drawwiet ta' fuq ix-xogħol, tat-twelid, tat-tfulija, taż-żwieġ u tal-mewt u f'ħafna ċirkostanzi oħra tal-ħajja.

Mir-rifless ta' dawn l-aspetti kollha toħroġ ix-xbieha ta' l-identitaċ kulturali li waslet għandna msawra mal-mixja tas-snin bħala riżultat ta' l-istorja, wara proċess twil ta' assimilazzjoni u adattazzjoni ta' twemmin u użanzi ġejjin minn sorsi diversi li bihom intisġet ix-xoqqa mżewqa tat-tradizzjoni biex Malta sfat post uniku, biex ngħid hekk, sintesi ta' diversi ħjut li jirriflettu ċ-ċiviltajiet tal-Mediterran.

Bħal fil-każ tal-lingwa, il-folklor Malti huwa minsuġ minn żewġ elementi ewlenin - l-element Semitiku, aktarx Għarbi, u dak Rumanz. L-element rumanz m'huwiex antik daqs l-ieħor; bejn wieħed u ieħor issawwar matul l-aħħar sitt mitt sena ta' ħakma barranija, l-iżjed bil-kuntatti ma' Sqallija, ma' l-Italja u ma' Spanja.

**Mistoqsijiet / Punti Ewlenin:**

1. X'inhu l-folklor skond dak li qrajt?
2. Xi jħaddan fih il-folklor?
3. Xi jgħid l-awtur dwar folklor u identitaċ?
4. Kif issawwar il-folklor Malti?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **IL-ĠLIEDA GĦALL-MALTI TIBQA' - minn kitba tal-Prof. Ġ. Aquilina.**

Hu minnu li l-lingwa ta' kull poplu qiegħda l-ewwelnett biex taqdi lil dawk f'art twelidhom u mbagħad, jekk dawn jeħtieġu oħra biex jiftiehmu ma' popli akbar, jistudjaw il-lingwa barranija li jeħtieġu għal daqshekk. Iżda l-ebda poplu li jirrispetta lilu nnifsu ma jiċħad il-lingwa tiegħu jonkella jkasbarha jew iżommha taħt ilsien ieħor barrani f'art twelidu.

X'uħud minna l-Maltin ma jurux għaqal biżżejjed meta jċekknu l-Malti biex ikabbru l-Ingliż. Biex tkabbar l-Ingliż m'hemmx bżonn iċċekken il-Malti! Ma nitkessħux u ma niġġennux! L-Ingliż għandna bżonnu kif għandna bżonn it-Taljan u l-Franċiż u, għal min isib iż-żmien, lingwi oħra.

Iżda f'pajjiżna, fejn nitwieldu, ngħixu, nikbru u mmutu, għandna bżonn fuq kollox ta' l-ilsien Malti. Bih nibqgħu nkabbru l-wirt tal-letteratura żagħżugħa li tagħżilna minn ġnus oħra u tgħaqqadna magħhom, hekk kif il-Bandiera tagħna Bajda u Ħamra tgħaqqadna ma' ġnus oħra ċivilizzati waqt li fl-istess ħin, tagħżilna minnhom bħala poplu.

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin:**

1.X'nistgħu ngħidu għal dak il-poplu li jiċħad il-lingwa tiegħu?

2.X'inhi l-fehma tal-kittieb dwar dawk li qed iċekknu l-Malti biex ikabbru l-Ingliż f'pajjiżhom stess?

3.Għaliex għandna bżonnu l-ilsien Malti, skond il-kittieb?

4.X'inhu x-xebh li jara l-kittieb bejn l-ilsien u l-bandiera tagħna?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**7** **AĦNA U L-ĦOLQIEN - minn kitba ta' Alfred Baldacchino .**

Il-ftit ħlejjaq li nitkellmu fuqhom f'din il-pubblikazzjoni **In-Natura** jitfgħu dawl fuq id-diversitaċ u l-varjetaċ ta' ħajja li tgħix f'dawn il-gżejjer magħna. Dawn verament huma biss ftit minn dawk li sena wara l-oħra jlibbsu, isebbħu u jixhdu l-kobor tan-natura, anke f'dan id-daqsxejn ta' pajjiż żgħir, li wkoll huwa mogħni bil-ħlejjaq tiegħu.

L-ebda waħda mill-ħlejjaq li jaqsmu dawn il-gżejjer - jew din id-dinja - magħna, ma huwa qiegħed hemm b'kumbinazzjoni. Kollha għandhom għan fil-ħajja, kollha huma marbutin f'nisġa ma' ħlejjaq oħra u ma' l-ambjent li jgħixu fih. Bħal katina, ħolqa f'ħolqa, wieħed jiddependi mill-ieħor. Il-bniedem ukoll huwa ħolqa li trid iżżomm mal-ħoloq l-oħra biex il-katina tibqa' sħiħa, u ma tinqatax.

Għalhekk naraw l-importanza u r-responsabbiltaċ li aħna, bħala l-ħolqien l-aktar intelliġenti, għandna biex inżommu din in-nisġa bla mittiefsa, din il-katina bla qtugħ fiha. L-eżistenza tagħna tiddependi mill-ħoloq l-oħra - iva, mill-ħlejjaq l-oħra kollha li jaqsmu din l-art magħna.

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin:**

1.X'effett għandhom fuq in-natura ta' pajjiżna l-ftit ħlejjaq li nsibu f'Malta?

2.Għaliex il-kittieb jemmen li dawn il-ħlejjaq ma jeżistux b'kumbinazzjoni?

3.Għaliex il-kittieb jagħmel xebh ma' katina?

4. X'inhi r-responsabbiltaċ tagħna bħala l-aktar ħolqien intelliġenti?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**8** **IL-JEDDIJIET TA' L-ANNIMALI - minn: Sagħtar 136**

Kull min hu ċivilizzat jifhem li l-annimali għandhom il-jeddijiet naturali tagħhom huma wkoll. Huma jitwieldu u jikbru magħna u sikwit jiddependu minna għall-għajxien tagħhom. Jeħtieġu lil min jitmagħhom u jħobbhom, u lil min iħarishom mill-perikli. Ħadd daqs it-tfal aktarx ma jaf jgħożż lill-ħbieb tagħna l-annimali, u sikwit ikunu t-tfal li jagħtu l-isbaħ eżempju ta' kif kull bniedem għandu jieħu ħsiebhom.

B'xorti ħażina, hawn uħud li jaħqruhom, u donnhom ma jintebħux li l-annimali jħossu daqsna u bħalna. Jagħarfu lil min iħobbhom u lil min ma jħobbhomx. Iżda x'raġuni hemm biex wieħed jaħqarhom, meta ħafna minnhom huma ħbieb kbar u fidili tal-bniedem? Kull min jaf iħobb għandu d-dmir li jħarishom u jaqbeż għalihom meta jarahom maħqurin. Is-sbuħija u l-ġentilezza tagħhom huma diġà kwalitajiet li jagħtuhom il-jedd li jgħixu f'saħħithom u kuntenti.

Parti mill-edukazzjoni tat-tfal hi sewwasew l-edukazzjoni ta' l-imħabba u l-ħarsien ta' l-annimali. Kull min ġewwa fih m'għandux mibegħda u moħqrija, ma jweġġa' lil ħadd, anqas lil annimal, li sikwit ma jafx jiddefendi ruħu. Kull min iħobb, imbagħad, iħoss li għandu r-responsabbiltà li jieħu ħsiebhom.

"Għaliex?" - hekk biss nistgħu nistaqsu kull meta naraw lil min jaħqar annimal.

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin:**

1. Kif nistgħu nuru l-imħabba tagħna lejn l-annimali?
2. Skond l-awtur, għaliex xi wħud jaħqru l-annimali?
3. Liema żewġ kwalitajiet isemmi l-kittieb li ħabba fihom l-annimali għandhom il-jedd li jgħixu f'saħħithom u kuntenti?
4. It-tfal għandhom jingħataw *l-edukazzjoni ta' l-imħabba* għax din ......

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**9** **IL-FOLKLOR TA' MALTA U GĦAWDEX - minn kitba ta' Ġ. Cassar Pullicino**

Minn mindu l-kelma "Folklore" issawret fl-1864 minn W. J. Thoms, sar tiftix ta' reqqa kbira fil-ħajja tan-nies ta' bosta pajjiżi. Kien tiftix siewi fuq id-drawwiet, fuq it-twemmin fieragħ li jsaltan f'moħħ in-nies, l-iktar ta' bla tagħlim, li l-ħajja tagħhom tintirtet bla tibdil xejn, jew b'tibdil żgħir, mill-missier għall-iben, minn nisel għal ieħor.

U dan it-tiftix ma damx ma kixef dinja oħra ta' drawwiet u twemmin, imxerrda ma' l-art kollha, fejn qabbdu l-għeruq tagħhom ġrajjiet qodma, nofshom minsija, li l-istorja ma fakkritx. Dawn il-fdalijiet tal-ħajja u l-kultura l-imgħoddija jinsabu fi ħwejjeġ żgħar, bħal ma huma t-taqbil u l-għana, it-tħannin tat-trabi, il-qwiel u l-ħrejjef tal-poplu. Għalhekk tista' ssibhom fost dik il-qatgħa ta' nies li l-aktar jibqgħu marbuta mad-drawwiet u t-twemmin qadim ta' missirijiethom.

Ix-xjenza ġdida tal-Folklor "tħaddan il-kultura u l-għerf li l-poplu joħloq mir-riżorsi tiegħu biss u li ma daħlux fl-istorja u fir-reliġjon uffiċjali tal-pajjiż".

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin:**

1.X'ġara minn mindu ssawret il-kelma "Folklore"?

2.Fuqiex kien it-tiftix li beda jsir?

3.Għaliex dan ma kienx magħruf sa dak iż-żmien?

4.Kif jiddefinixxi din ix-xjenza ġdida l-kittieb?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fi kliemhom. Tista' tuża l-mistoqsijiet ta' hawn taħt bħala gwida biex bit-tweġibiet tagħhom juruk li fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**10**

### IR-REGATTA - minn kitba ta' Joseph Serracino

It-Tiġrija tal-Vitorja minn dejjem nisslet atmosfera ferrieħa u brijuża fost l-eluf kbar ta' nies, li ta' kull sena, waħda wara l-oħra, jimlew kull rokna tas-swar u x-xtut ta' madwar il-Port il-Kbir, minfejn ikunu jistgħu jaraw u jsegwu tajjeb it-tiġrijiet tradizzjonali tad-dgħajjes.

Magħhom, jingħaqdu wkoll il-partitarji ta' kull distrett partċipant, li bit-tisfir, bl-għajat u bil-kant issinkronizzat mat-tixjir tal-bnadar ikkuluriti, jippruvaw jinkuraġġixxu u jgħollu l-moral tal-qaddiefa tagħhom waqt kull korsa tat-tiġrija minn fuq għadd kbir ta' frejfatini, dgħajjes tal-pass u laneċ, li ħafna minnhom jorbtu mal-planki twal li jagħlqu l-Kanal minn Ras Ħanżir sad-Dwana.

L-eċitament li ġġib magħha kull korsa tat-tiġrija, minħabba r-rivalitaċ kbira li minn dejjem eżistiet fost id-distretti li jieħdu sehem fiha, u li baqgħet tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra sa żmienna, tagħmel lil dan l-avveniment isbaħ minn kull avveniment sportiv tal-baħar ieħor.

Id-determinazzjoni qawwija tal-qaddiefa għar-rebħ tal-palji, mhux biss tkompli ssebbaħ din il-manifestazzjoni li ssir kull sena fil-Port il-Kbir nhar il-festa tal-Vitorja, iżda għal darb'oħra din it-tradizzjoni antika terġa' mill-ġdid tieħu l-ħajja u l-kontinwazzjoni tagħha f'dan il-jum, tkompli tkabbarha fl-istorja glorjuża ta' pajjiżna.

**Mistoqsijiet / Punti ewlenin**

1. Meta u fejn ssir ir-Regatta?

2. X'kienu jagħmlu ħafna mill-partitarji tad-distretti li jieħdu sehem fit-tiġrijiet?

3. X'jagħmel lil dan l-avveniment l-isbaħ wieħed fost l-isports kollha tal-baħar?

4. Għaliex hija importanti d-determinazzjoni tal-qaddiefa?

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**LINGWA: ASPETTI SRORI¬I U TA' ŻMIENNA**

- Il-lingwa Maltija llum hi magħmula minn element Semitiku (Għarbi) u element Rumanz (l-aktar Taljan). Agħti tagħrif ħafif u fil-qosor dwar dawn l-elementi.

- X'importanza taħseb li kellu fl-imgħoddi jew jista' jkollu għalina l-Maltin ta' llum, it-tagħlim ta' lingwi oħra?

- Xi wħud mill-pijunieri li ħadmu biex l-ilsien Malti jkun magħruf kif jixraqlu kienu Ġanfranġisk Agius De Soldanis, Mikiel Anton Vassalli, Ninu Cremona, Ġużeċ Aquilina u Erin Serracino Inglott. Minn dak li studjajt / tgħallimt / fittixt, tkellem dwar dak li għamlu xi wħud minn dawn, jew studjużi oħra ta' lsienna.

- Għid għaliex taħseb li l-mezzi moderni tal-komunikazzjoni, inklużi l-*mobiles,* fl-opinjoni tiegħek, jistgħu jkunu ta' influwenza ħażina, inkella tajba, fuq il-lingwa Maltija.

- Il-vokabularju (kliem) fl-ilsien Malti ta' llum jaqdina fis-sitwazzjonijiet u fil-ħtiġijiet kollha tal-ħajja ta' żmienna. Taqbel jew ma taqbilx ma' dan l-argument? Iddiskuti u agħti eżempji.

- L-ilsien Malti għadu qed jiżviluppa fi żmienna stess, u nsibu xejriet ta' ħajja, snajja' u aspetti, bħat-teknoloġija ta' l-informatika jew it-terapija tas-sbuħija, li qed inisslu fil-lingwa vokabularju (kliem) ġdid. X'taf tgħid fuq dan l-iżvilupp. Agħti eżempji. Tista' ssemmi aspetti oħra wkoll barra dawn imsemmijin hawn fuq.

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTI¬I**

- Għid fi kliemek x'tifhem bil-frażi *folklor Malti* u semmi xi aspetti ta' dan l-istudju kif joħorġu mill-ħajja u l-ambjent tal-Gżejjer tagħna.

- Tista' tqabbel xi aspett jew aspetti tal-ħajja tradizzjonali ta' l-antenati tagħna fi żmien l-imgħoddi, ma' dak li fil-fatt isir f'pajjiżna llum?

- Fil-proġett tiegħek dwar il-folklor Malti inti kont fittixt u ktibt dwar xi aspetti partikulari ta' dan il-wirt popolari Malti. Tista' ssemmi xi ftit minn dak li kont tgħallimt?

- Fost l-istudjużi Maltin tal-folklor Malti, jissemmew Patri Manwel Magri, Ġużeċ Cassar Pullicino u dan l-aħħar Guido Lanfranco. Tista' tagħti xi tagħrif dwar xi aspetti ta' folklor li dawn ittrattaw?

- Fost l-aspetti ta' dan *l-għerf bla miktub ta' missirijietna* li hu l-folklor, hemm il-ħrejjef, il-leġġendi, il-qwiel, il-ħaġa moħġaġa u l-għana. Tkellem fuq xi ħaġa jew aktar minn dawn.

## (Karta ta' l-Eżaminatur)

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop. Jista' wkoll jagħmel użu minn stampi, ritratti, pitturi, artikli, siltiet minn kotba, ġurnali, letteratura oħra u 'cassettes' li jistgħu jkunu pprovduti apposta biex jistimula t-taħdita.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)**

**IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA**

- Semmi xi aspetti li fl-opinjoni tiegħek, huma parti mill-kultura tagħna l-Maltin ta' llum.
- Mit-tiftix li għamilt tara xejn differenzi bejn id-djar tal-Maltin tal-lum u, ngħidu aħna, dawk ta' xi 50 sena ilu? (Jew it-tieġ, inkella l-festi, it-trasport . . . )
- Jekk inti dilettant tal-mużika jew l-arti x'taf tgħidilna fuq il-mużika jew l-arti ta' żmienna u kif din tixbah jew le lil dik imqar ta' ġenerazzjoni jew tnejn ilu (żmien iż-żgħożija ta' ommok u missierek inkella tan-nanniet), jew lil dik folkloristika jew lil dik klassika (aktar tradizzjonali).
- L-ambjent, naturali u mhux, huwa parti minn ħajjitna kif kien parti mill-ħajja tal-Maltin ta' dari. X'differenzi taħseb li hemm fl-ambjent Malti llum minn dak ta' ħamsin jew sittin sena ilu? Illum hemm xi problemi f'dal-qasam, li qabel ma kinux jeżistu?
- Semmi b'eżempji, id-differenzi li jidhirlek li tara bejn il-modi ta' kif kienu jaqilgħu għajxienhom il-Maltin ta' l-imgħoddi u kif jaqilgħu għajxienhom dawk ta' llum.
- Agħti tagħrif dwar l-industrija tat-turiżmu f'Malta (jew l-agrikultura, is-sajd, it-tarzna/*shipbuilding*, in-negozju, il-manifattura fil-fabbriki . . . )

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- *Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**1** **IL-MANIKATA - IL-BINI TAL-KNISJA adattament minn kitba ta' Charles Knevitt (1980)**

Fil-quċċata ta' l-għolja li sserdek fuq il-wied għammiel taħt ir-raħal tal-Manikata, 'il fuq mill-gozz djar kubiċi u solidi bl-erjals tat-televixin irqaq u koroh, hemm il-knisja ta' San Ġużepp, imponenti u soda, sempliċi imma fl-istess ħin punt ta' riferiment qawwi fil-firxa tal-pajsaġġ hekk li ġġiegħel lil dak li jkun jieqaf u jaħseb, dawl li jsejjaħ kbar u żgħar, raħlin u barranin, fil-forma embrionika ta' żewġ taqsimiet nofs tond li jkebbuk u jħaddnuk bejniethom.

Tilma fix-xemx sirġiena u qawwija tal-Mediterran u mrewħa miż-żiffa ħafifa tar-riħ fuq, hija post ta' solitudni, kenn, rifuġju u talb. Taqbel ma' l-ambjent b'mod mhux komuni, donnha mhix maħkuma miż-żmien; timliek bi spirtu li jesprimi x-xenqa tal-bniedem li jitwaħħad ma' l-Univers u mal-Ħallieq - espressjoni ta' fidi sħiħa u tanġibbli u stqarrija liema bħala ta' rabta ma' Alla.

Dan f'ambjent li f'dawn l-aħħar snin ra d-desakrazzjoni apposta u bl-addoċċ ta' l-istruttura ambjentali fraġli tal-gżira f'isem il-*progress.* Minkejja li ngħata l-allarm għal dan, l-għodda tal-qirda fl-assedji ta' l-imgħoddi u l-ajruplani jixħtu l-bombi tal-gwerer aktar fil-qrib ħadulhom posthom il-gafef - arma daqshekk ieħor distruttiva u ma tqis xejn quddiemha, fl-idejn bieżla u ħerqana ta' min ma jħossx u ma jifhimx.

Imma l-knisja l-ġdida tal-Manikata tgħożż l-imgħoddi tagħha, tixhed it-twemmin tagħha fil-preżent u tqiegħed it-tama u l-fiduċja tagħha fil-futur, waqt li tieħu ħajja mir-ruħ ta' l-inħawi u r-riferenza tagħha skond iż-żmien. Hija ċaħda *post Cartesjana* ta' dak li Richard England isejjaħ: *il-mekkaniżmu estetiku puritaniku għal għaqda tal-moħħ u l-qalb, b'sejħa ferrieħa għall-ħajja.*

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**2** **FRANCESCO ZAHRA (1710-1773) - pittur u disinjatur - minn kitba ta' Mario Buhagiar.**

Francesco Zahra kien pittur ta' talent, ħafna drabi ta' sensittivitaċ qawwija fit-tradizzjoni Barokka Naplitana. Fl-oqsma internazzjonali ta' l-arti, ismu mhux magħruf, tista' tgħid. Imma f'Malta fejn twieled, u safejn nafu, aktarx tgħallem u fejn qatta' kważi ħajtu kollha, għandu għarfien minn kulħadd bħala l-aqwa pittur tal-gżira.

Jidher li kien jipproduċi ħafna xogħlijiet, u għalkemm ma hemmx dokumenti li jixhdu dan, aktarx li kellu ħanut tax-xogħol jew *bottega* imqabbda ġmielha, fejn kellu assistenti jgħinuh ilaħħaq mal-ħafna kummissjonijiet li ma tantx kienu jħallulu nifs. Kellu karriera twila ta' aktar minn wieħed u erbgħin sena, mill-1732 meta ngħata l-ewwel biċċa xogħol li nafu biha, sal-1773 meta miet.

Ix-xogħol tiegħu kien jinkludi pitturi fis-soqfa ta' knejjes, kwadri għal altari, pitturi oħra kbar għal knejjes ukoll, għadd ta' pitturi devozzjonali żgħar għall-privat u għadd ta' ritratti ta' persuni. Dan minbarra studji u disinni preparatorji għal prospettivi ta' altari, għamara għal knejjes u għadd varju ta' xogħol fl-irħam bħal lapidi għal fuq l-oqbra u lavabi għal sagristijiet .

Ftit biss mill-kwadri tiegħu huma ffirmati minnu u hemm ftit xogħlijiet oħra dokumentati fiż-żgur. Għall-bqija, wieħed ikollu spiss joqgħod fuq attribuzzjonijiet tradizzjonali li mhux dejjem ikunu ta' min joqgħod fuqhom.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 3 NIKOLA ISOUARD (1775 - 1818)

Nikola Isouard twieled fis-6 ta' Diċembru 1775. Ma' l-iskola beda jitgħallem il-mużika u l-pjanu, li aktar tard kompla jistudjahom f'Palermo, Napli u Firenze. Kiteb l-ewwel opra bl-isem *L'Avviso ai Maritati* meta kien għad ma kellux 20 sena. Meta ġie lura Malta, il-Grammastru De Rohan għall-ewwel ħatru organista, u mbagħad *maestro di cappella* tal-knisja konventwali ta' San Ġwann. Isouard ikkompona kantati fuq versi ta' l-istess Grammastru.

Meta ġew il-Franċiżi f'Malta, u waqt li hawn kien għadu sejjer l-imblokk, mar għal kollox mal-familja tiegħu f'Pariġi fi Frar tal-1800. F'din il-belt, wara fjask li kellu fil-bidu, bil-pariri ta' mużiċisti ħbieb u b'ħidma sfiqa f'karriera qasira ta' sittax-il sena, kiseb fama kbira u sar magħruf bħala r-riformatur tal-mużika Franċiża. Wieħed mill-akbar suċċessi kienet l-opra *Cendillon* li kienet rappreżentata mitt darba u ħallietlu qligħ finanzjarju ġmielu wkoll. B'kollox kiteb 46 opra u xi kantati u xogħlijiet oħra, minbarra bosta mużika sagra li sfortunatament ħadd ma jaf x'sar minnha.

Il-kompożitur Malti Nikola Isouard ma kienx fiżikament ta' saħħa kbira sa minn ċkunitu. Minbarra li kellu xi diżappunti fil-karriera, fiż-żmien tas-suċċess kien taha għax-xalar u b'hekk aktar qarreb it-tmiem tiegħu. F'Pariġi hemm busti ta' Isouard kemm fl-*Opera* u fit-teatru *Ventadour* u hemm ukoll triq imsemmija għalih.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**4** **ĠUŻEPPI CALIĊ - minn kitba ta' Rafel Bonnici Caliċ**

Ġużeppi Caliċ twieled fl-1846 fil-Belt Valletta. Fi tfulitu kien diġà popolari ma' sħabu għall-ħila li kellu biex ipinġihom. Missieru malajr induna b'din il-kwalità li kellu ibnu u kien hu li beda jħarrġu fl-arti. Meta kellu sbatax-il sena, it-talent li kellu Ġużeppi ġibed l-attenzjoni ta' sinjur li offra lill-ġenituri tiegħu li jibagħtu jkompli jistudja l-arti barra minn Malta, spejjeż tiegħu. Caliċ mar fl-*Accademia di Belle Arti* ta' Napli. Kemm dam hemm kien sar ħabib ta' Morelli, l-aktar pittur Naplitan li kien popolari dik il-ħabta.

Meta ġie lura Malta, intefa' b'ruħu u ġismu għax-xogħol. Kien jagħmel pitturi dekorattivi għad-djar tas-sinjuri u ritratti ta' personalitajiet importanti ta' żmienu. Imma l-ewwel li kiseb popolarità kien permezz tal-kwadru: *Il-Mewt ta' Dragutt* li hu pitter fl-1867 u li xtrah il-gvern għall-armerija tal-palazz. Ġużeppi Caliċ għadda l-biċċa l-kbira ta' ħajtu jpitter fil-knejjes u huwa magħruf l-aktar għad-dekorazzjoni tat-trollijiet. L-ewwel knisja li pitter kollha kemm hi kienet dik ta' Bormla fl-1884.

Il-ħila artistika tiegħu għaġġbet lill-pittur Ruman Virginio Monti, li tant kellu stima għax-xogħol tal-pittur Malti li ma riedx iħassar il-pittura fl-apside tal-knisja ta' Santa Liena f'Birkirkara meta riduh jagħmel minflokha biċċa xogħol oħra minn tiegħu. Madankollu, pittur Taljan ieħor, Attilio Palombi, li wkoll kien ġie jaħdem f'Malta, kien qered wieħed mill-aħjar xogħlijiet li Caliċ kien għamel fil-knisja ta' San Pawl fil-Belt Valletta.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

**5**

**X'INHU L-FOLKLOR - minn kitba ta' Ġużeċ Cassar Pulliċino**

Bil-kelma *folklor* nifhmu t-tradizzjoni, l-għerf bla miktub tal-poplu, bil-ħidmiet ta' l-id u tal-moħħ. Fil-livell tal-folklor din il-*kultura* hija aktarx rurali, pre-industrijali u mhix mekkanizzata.

Tħaddan fiha l-ħrejjef, il-leġġendi u rakkonti oħra popolari, il-proverbji, il-għana, iż-żfin u l-mużika folkloristika, il-ħaġa moħġaġa, il-logħob u l-mogħdija taż-żmien, il-festi, l-użanzi u divertimenti oħra ta' matul is-sena, it-twemmin fieragħ jew superstizzjonijiet, flimkien mas-snajja' l-qodma u l-arti tal-poplu bla tagħlim, il-kostruzzjonijiet primittivi bħal giren, irziezet u bini ieħor rustiku bl-għamajjar ta' ġo fihom, l-għodod tax-xogħol li ġejjin mill-imgħoddi, l-ilbies u l-modi li llum inqatgħu, l-għajat tal-bejjiegħa, l-ikel tradizzjonali, id-drawwiet ta' fuq ix-xogħol, tat-twelid, tat-tfulija, taż-żwieġ u tal-mewt u f'ħafna ċirkostanzi oħra tal-ħajja.

Mir-rifless ta' dawn l-aspetti kollha toħroġ ix-xbieha ta' l-identitaċ kulturali li waslet għandna msawra mal-mixja tas-snin bħala riżultat ta' l-istorja, wara proċess twil ta' assimilazzjoni u adattazzjoni ta' twemmin u użanzi ġejjin minn sorsi diversi li bihom intisġet ix-xoqqa mżewqa tat-tradizzjoni biex Malta sfat post uniku, biex ngħid hekk, sintesi ta' diversi ħjut li jirriflettu ċ-ċiviltajiet tal-Mediterran.

Bħal fil-każ tal-lingwa, il-folklor Malti huwa minsuġ minn żewġ elementi ewlenin - l-element Semitiku, aktarx Għarbi, u dak Rumanz. L-element rumanz m'huwiex antik daqs l-ieħor; bejn wieħed u ieħor issawwar matul l-aħħar sitt mitt sena ta' ħakma barranija, l-iżjed bil-kuntatti ma' Sqallija, ma' l-Italja u ma' Spanja.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**6** **IL-ĠLIEDA GĦALL-MALTI TIBQA' - minn kitba tal-Prof. Ġ. Aquilina.**

Hu minnu li l-lingwa ta' kull poplu qiegħda l-ewwelnett biex taqdi lil dawk f'art twelidhom u mbagħad, jekk dawn jeħtieġu oħra biex jiftiehmu ma' popli akbar, jistudjaw il-lingwa barranija li jeħtieġu għal daqshekk. Iżda l-ebda poplu li jirrispetta lilu nnifsu ma jiċħad il-lingwa tiegħu jonkella jkasbarha jew iżommha taħt ilsien ieħor barrani f'art twelidu.

X'uħud minna l-Maltin ma jurux għaqal biżżejjed meta jċekknu l-Malti biex ikabbru l-Ingliż. Biex tkabbar l-Ingliż m'hemmx bżonn iċċekken il-Malti! Ma nitkessħux u ma niġġennux! L-Ingliż għandna bżonnu kif għandna bżonn it-Taljan u l-Franċiż u, għal min isib iż-żmien, lingwi oħra. Iżda f'pajjiżna, fejn nitwieldu, ngħixu, nikbru u mmutu, għandna bżonn fuq kollox ta' l-ilsien Malti. Bih nibqgħu nkabbru l-wirt tal-letteratura żagħżugħa li tagħżilna minn ġnus oħra u tgħaqqadna magħhom, hekk kif il-Bandiera tagħna Bajda u Ħamra tgħaqqadna ma' ġnus oħra ċivilizzati, waqt li fl-istess ħin, tagħżilna minnhom bħala poplu.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek*.**

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb.</u>)**

**7** **AĦNA U L-ĦOLQIEN - minn kitba ta' Alfred Baldacchino.**

Il-ftit ħlejjaq li nitkellmu fuqhom f'din il-pubblikazzjoni **In-Natura** jitfgħu dawl fuq id-diversitaċ u l-varjetaċ ta' ħajja li tgħix f'dawn il-gżejjer magħna. Dawn verament huma biss ftit minn dawk li sena wara l-oħra jlibbsu, isebbħu u jixhdu l-kobor tan-natura, anke f'dan id-daqsxejn ta' pajjiż żgħir, li wkoll huwa mogħni bil-ħlejjaq tiegħu.

L-ebda waħda mill-ħlejjaq li jaqsmu dawn il-gżejjer - jew din id-dinja - magħna, ma huwa qiegħed hemm b'kumbinazzjoni. Kollha għandhom għan fil-ħajja, kollha huma marbutin f'nisġa ma' ħlejjaq oħra u ma' l-ambjent li jgħixu fih. Bħal katina, ħolqa f'ħolqa, wieħed jiddependi mill-ieħor. Il-bniedem ukoll huwa ħolqa li trid iżżomm mal-ħoloq l-oħra biex il-katina tibqa' sħiħa, u ma tinqatax.

Għalhekk naraw l-importanza u r-responsabbiltaċ li aħna, bħala l-ħolqien l-aktar intelliġenti, għandna biex inżommu din in-nisġa bla mittiefsa, din il-katina bla qtugħ fiha. L-eżistenza tagħna tiddependi mill-ħoloq l-oħra - iva, mill-ħlejjaq l-oħra kollha li jaqsmu din l-art magħna.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

## 8 IL-JEDDIJIET TA' L-ANNIMALI - minn: Sagħtar 136

Kull min hu ċivilizzat jifhem li l-annimali għandhom il-jeddijiet naturali tagħhom huma wkoll. Huma jitwieldu u jikbru magħna u sikwit jiddependu minna għall-għajxien tagħhom. Jeħtieġu lil min jitmagħhom u jħobbhom, u lil min iħarishom mill-perikli. Ħadd daqs it-tfal aktarx ma jaf jgħożż lill-ħbieb tagħna l-annimali, u sikwit ikunu t-tfal li jagħtu l-isbaħ eżempju ta' kif kull bniedem għandu jieħu ħsiebhom.

B'xorti ħażina, hawn uħud li jaħqruhom, u donnhom ma jintebħux li l-annimali jħossu daqsna u bħalna. Jagħarfu lil min iħobbhom u lil min ma jħobbhomx. Iżda x'raġuni hemm biex wieħed jaħqarhom, meta ħafna minnhom huma ħbieb kbar u fidili tal-bniedem? Kull min jaf iħobb għandu d-dmir li jħarishom u jaqbeż għalihom meta jarahom maħqurin. Is-sbuħija u l-ġentilezza tagħhom huma diġà kwalitajiet li jagħtuhom il-jedd li jgħixu f'saħħithom u kuntenti.

Parti mill-edukazzjoni tat-tfal hi sewwasew l-edukazzjoni ta' l-imħabba u l-ħarsien ta' l-annimali. Kull min ġewwa fih m'għandux mibegħda u moħqrija, ma jweġġa' lil ħadd, anqas lil annimal, li sikwit ma jafx jiddefendi ruħu. Kull min iħobb, imbagħad, iħoss li għandu r-responsabbiltà li jieħu ħsiebhom.

"Għaliex?" - hekk biss nistgħu nistaqsu kull meta naraw lil min jaħqar annimal.

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**9**

**IL-FOLKLOR TA' MALTA U GĦAWDEX - minn kitba ta' Ġ. Cassar Pullicino**

Minn mindu l-kelma "Folklore" issawret fl-1864 minn W. J. Thoms, sar tiftix ta' reqqa kbira fil-ħajja tan-nies ta' bosta pajjiżi. Kien tiftix siewi fuq id-drawwiet, fuq it-twemmin fieragħ li jsaltan f'moħħ in-nies, l-iktar ta' bla tagħlim, li l-ħajja tagħhom tintirtet bla tibdil xejn, jew b'tibdil żgħir, mill-missier għall-iben, minn nisel għal ieħor.

U dan it-tiftix ma damx ma kixef dinja oħra ta' drawwiet u twemmin, imxerrda ma' l-art kollha, fejn qabbdu l-għeruq tagħhom ġrajjiet qodma, nofshom minsija, li l-istorja ma fakkritx. Jinsabu dawn il-fdalijiet tal-ħajja u l-kultura l-imgħoddija fi ħwejjeġ żgħar, bħal ma huma t-taqbil u l-għana, it-tħannin tat-trabi, il-qwiel u l-ħrejjef tal-poplu, u għalhekk tista' ssibhom fost dik il-qatgħa ta' nies li l-aktar jibqgħu marbuta mad-drawwiet u t-twemmin qadim ta' missirijiethom.

Ix-xjenza ġdida tal-Folklor *tħaddan il-kultura u l-għerf li l-poplu joħloq mir-riżorsi tiegħu biss u li ma daħlux fl-istorja u fir-reliġjon uffiċjali tal-pajjiż.*

**(KARTA TA' L-ISTUDENTI)**

- ***Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.***

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)**

**10**

**IR-REGATTA - minn kitba ta' Joseph Serracino**

It-Tiġrija tal-Vitorja minn dejjem nisslet atmosfera ferrieħa u brijuża fost l-eluf kbar ta' nies, li ta' kull sena, waħda wara l-oħra, jimlew kull rokna tas-swar u x-xtut ta' madwar il-Port il-Kbir, minfejn ikunu jistgħu jaraw u jsegwu tajjeb it-tiġrijiet tradizzjonali tad-dgħajjes.

Magħhom, jingħaqdu wkoll il-partitarji ta' kull distrett partċipant, li bit-tisfir, bl-għajat u bil-kant issinkronizzat mat-tixjir tal-bnadar ikkuluriti, jippruvaw jinkuraġġixxu u jgħollu l-moral tal-qaddiefa tagħhom waqt kull korsa tat-tiġrija minn fuq għadd kbir ta' frejfatini, dgħajjes tal-pass u laneċ, li ħafna minnhom jorbtu mal-planki twal li jagħlqu l-Kanal minn Ras Ħanżir sad-Dwana.

L-eċitament li ġġib magħha kull korsa tat-tiġrija, minħabba r-rivalitaċ kbira li minn dejjem eżistiet fost id-distretti li jieħdu sehem fiha, u li baqgħet tintiret minn ġenerazzjoni għal oħra sa żmienna, tagħmel lil dan l-avveniment isbaħ minn kull avveniment sportiv tal-baħar ieħor.

Id-determinazzjoni qawwija tal-qaddiefa għar-rebħ tal-palji, mhux biss tkompli ssebbaħ din il-manifestazzjoni li ssir kull sena fil-Port il-Kbir nhar il-festa tal-Vitorja, iżda għal darb'oħra din it-tradizzjoni antika terġa' mill-ġdid tieħu l-ħajja u l-kontinwazzjoni tagħha f'dan il-jum, tkompli tkabbarha fl-istorja glorjuża ta' pajjiżna.

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR**
**U L-ISKOLA SEKONDARJA 2003**

**Taqsima ta' L-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni**

**Il-Ħames Klassi** | **MALTI** | **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem:** ___________________ **Klassi:** ___________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Oral | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 20 | 4 | 8 | 30 | 20 | 10 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | |

KUMMENTI

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***

## Doża ta' Inkoraġġiment



Issib ħafna nies li għandhom it-tendenza li jippremjaw bl-addoċċ. Dawn mingħalihom li b'hekk ikunu qed jinkoraġġixxu lil min hu dgħajjef. Din l-attitudni hi perikoluża ħafna. Meta nippremjaw għal ħafna ftietaq, inkunu ngħallmu lit-tfal li l-iskop tagħhom hu li jieħdu l-premju u mhux li jiksbu sodisfazzjon mill-ħidma li jkunu qegħdin jagħtu. Jidħol il-kunċett, għalhekk, li jekk ma jingħatawx premju, l-għemil m'għandux valur. Kummenti sempliċi u li ma jiswewx flus bħal *"napprezza dak li għamilt"* jew *"ara, dik il-ħaġa tista' tagħmilha"*, jgħinu iktar biex it-tfal jieħdu pjaċir jagħmlu affarijiet li jogħġbu lill-ġenituri u lill-kbar. *(par. 1)*

Dan kollu li għedna ma jgħoddx biss għat-tfal imma wkoll għalina l-kbar, sew żgħażagħ, koppji bejniethom, eċċ. Kemm drabi niltaqgħu ma' żgħażagħ li qabdu t-triq tan-niżla u spiċċaw b'xi diffikulta' għax iċ-ċirku ta' madwarhom ixxaħħaħ fl-inkoraġġiment magħhom! Ħasra kbira li ma' dawn it-talin dejjem spikka l-iswed fl-istampa ta' ħajjithom. Għalihom aktarx li ftit li xejn kienu jeżistu t-tbissima, il-kelma ta' inkoraġġiment jew l-għafsa ta' l-id li, għalkemm ma jiswewx flus, jistgħu jissarrfu f'mirakli. *(par. 2)*

Pedament ma jinbeniex fuq it-tafal jew ir-ramel, imma fuq is-sod. L-istess f'ħajjitna, kull aġir li jdgħajjifna jrid jitwarrab. L-iskop fil-ħajja mhux li nkunu perfetti, imma li nagħmlu l-almu tagħna biex dak li nwettqu llum ikun ftit aħjar minn dak tal-bieraħ. L-aqwa rigal li nistgħu noffru lil ta' madwarna hu par ġwienaħ biex jitgħallmu jtiru. *(par. 3)*

Doża qawwija ta' inkoraġġiment ħafna drabi tnissel kunfidenza u fiduċja fl-oħrajn biex dawn ma jaqtgħux qalbhom. Meta lit-tfal u liż-żgħażagħ b'mod partikulari nagħmlulhom kuraġġ, inkunu qed nipprovdulhom għodda meħtieġa biex jaffrontaw lid-dinja mingħajr biża' żejjed, jaraw il-possibiltajiet immensi fil-futur u jħarsu dejjem lejn orizzonti ġodda mimlija ħeġġa. *(par. 4)*

(minn kitba ta' Natalina Sultana f'***oasi.com***., ħarġa ta' Jan.-Mejju, 2002)

| A. FEHIM IT-TEST | *(8 marki)* |
|---|---|

1. Xi jkun l-għan ta' ħafna nies li jippremjaw kif ġie ġie? (par.1)

_______________ **(marka)**

2. Skond il-kittieba, x'għandu jkun l-iskop tat-tfal meta jwettqu xi ħidma? (par. 1)

_______________

_______________ **(marka)**

3. Għaliex ċerti żgħażagħ jispiċċaw ħażin? (par. 2)

_______________ **(marka)**

4. *Iċ-ċirku ta' madwarhom* (par.2). Semmi żewġ kategoriji ta' nies li jistgħu jkunu jiffurmaw dan *iċ-ċirku.* _______________

_______________ **(2 marki)**

5. X'taħseb li trid tfisser il-kittieba bl-aħħar sentenza ta' par. 3: *L-aqwa rigal li nistgħu noffru lil ta' madwarna hu par ġwienaħ biex jitgħallmu jtiru?*

_______________

_______________ **(2 marki)**

6. Xi jkun l-effett meta ninkoraġġixxu bil-kbir? (par.4) _______________

_______________ **(marka)**

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | *(20 marka)* |
|---|---|

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

Wieġeb kif mitlub: **(9 marki)**

1. *Illum jinkoraġġixxu. Ilbieraħ* _______________ (ikteb fil-perfett)

2. Ikteb fin-negattiv: *li jieħu... Li* _______________

3. Nissel nom astratt minn ***sempliċi*** :__________________________, u ieħor minn ***dgħajjef***____________________________.

4. Sib partiċipju attiv minn paragrafu 1:______________________________

5. Nissel aġġettiv minn ***diffikulta'*** :_________________________________

6. Agħti t-2 forma ta' ***jissarrfu***:___________________________________

7. Sib verb trux minn paragrafu 2:_________________________________

8. Nissel verb minn ***xejn*** : _______________________________________

## LESSIKU / VOKABULARJU

9. ***Ftietaq*** (par.1) tfisser: (a) tiċrit__; (b) ħwejjeġ żgħar ta' ftit siwi__; (ċ) ħafna ħwejjeġ ta' siwi kbir__. **(marka)**

10. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess bħal:

*tendenza* (par.1) ____________________

*valur* (par.1) ____________________ **(2 marki)**

## ANALIŻI TESTWALI

11. *Dawn mingħalihom...*(par.1) Għal min qed jirreferi l-pronom *hom* fil-kelma *mingħali**hom***? ______________________________ **(marka)**

12. *Minn xiex hi msawra l-kelma **madwarhom**?*_____________________ **(marka)**

13. *Kemm drabi...*(par.2) tfisser_________________________________ **(2 marki)**

**SINTASSI**

14. Neħħi n-negattiv minn din is-sentenza mingħajr ma tibdel it-tifsira:

*Dan kollu li għedna ma jgħoddx biss għat-tfal, imma wkoll għalina l-kbar.*

______________________________________________

**(2 marki)**

15. Ikteb is-sentenza b'mod ieħor mingħajr ma tibdel it-tifsira:

*Ħasra kbira li ma' dawn it-talin dejjem spikka l-iswed fl-istampa ta' ħajjithom.*

______________________________________________

**(2 marki)**

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI *(4 marki)*

**IDJOMI, QWIEL, VERBI FRAŻJALI ....**

1. *Qabdu t-triq tan-niżla* (par.2). Il-kelma *niżla* tfakkarna wkoll f'qawl li juri li fejn m'hemmx diffikultajiet, kollox hu faċli. Liema hu dan il-qawl?

______________________________________________ **(2 marki)**

2. *Meħtieġa* biex jaffrontaw *lid-dinja* (par.4). Imla l-vojt b'idjoma li għandha t-tifsira tal-kliem b'sing taħtu:

*Meħtieġa biex*______________________________*mad-dinja.* **(2 marki)**

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV *(8 marki)*

Agħżel **WAĦDA** minn ***a u b u ikteb madwar 80 kelma***:

a) Sar suġġeriment lill-Kunsill ta' l-Istudenti biex ikunu ppremjati dawk l-istudenti li tul is-sena ħadu ħsieb jindokraw il-*playingfield*. Ikteb avviż biex issejjaħ laqgħa fejn tkun diskussa din il-materja.

b) Żgħażagħ membri ta' *Inħobb 'Il Pajjiżi* qed iwettqu proġett ta' tindif tan-niċeċ qodma fir-raħal. Ikteb ittra lil gazzetta lokali li fiha turi inkoraġġiment u apprezzament għal dak li qed jagħmlu dawn iż-żgħażagħ.

| E. LETTERATURA: QAWSALLA | *(30 marka)* |
|---|---|

**(i) Aqra din is-silta minn *Ir-Ribelli* ta' J.J. Camilleri u wieġeb:**

Meta, ftit ilu, Jumi Harr reġa' lura f'San Rokku, in-nies tar-raħal laqgħuh bil-briju u tawh il-merħba t-tajba bid-daqq tal-banda. Min jaf kif pinġewh? Xi stennew mingħandu? Il-ħajja ta' ħaddieħor, kif narawha mill-bogħod u bil-lenti tagħna, hi eċċitanti u interessanti. Aħna hekk narawha ħajjet ħaddieħor, ħaddieħor hekk jaraha tagħna. Jumi ġie u mar, ġie bil-festa, mar bid-dnewwa. L-aktar li ddiżappuntaw ruħhom kienu x-xebbiet tar-raħal; f'qalbhom għeru għal Petriga li mexxielha ġġennu għal warajha, li issa qiegħda toqgħod miegħu. Fid-deher u bi kliemhom tkażaw bihom u skandalizzaw ruħhom, iżda fil-qiegħ ta' qalbhom kienu jafu li kieku ġiet l-okkażjoni kienu jagħmlu l-istess, xejn inqas, forsi wkoll wisq iżjed. Ma nafx għaliex, imma lil Jumi wieħed kien lest li jaħfirlu u jagħdru. Forsi għax ir-raġel dellu anqas tqil minn tal-mara. Iżda Sidor u Benna ma kinux jgħidu hekk. Din kienet l-aħħar daqqa ta' stallett li iben ingrat seta' jagħti. Din kienet daqqa li ser jibqgħu taħtha. L-ebda Isien tal-għasel ma kien ser jasal biex isabbarhom!

Il-bniedem hu dak li hu, xejn aktar, kumpless ta' misteru, ħuġġieġa ta' passjonijiet, xkora ta' ambizzjoni u egoiżmu. In-natura li wiret, għad li rfinat matul iż-żmien, xorta baqgħet primittiva u annimaleska; din tagħmlu hekk.

1. Fisser fi kliemek kif kien milqugħ Jumi Harr.

_________________________________________________ **(marka)**

2. Din is-silta hi meħuda minn: a) novella___, b) rumanz___, ċ) esej kritiku __.
**(marka)**

3. Liema sentenza turi li r-relazzjoni ta' Jumi mar-raħlin bdiet bit-tajjeb u

   spiċċat bil-ħażin?_________________________ **(2 marki)**

4. Fisser fi kliemek għala kien hemm nuqqas ta' sinċerita' fix-xebbiet tar-raħal.

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________ **(3 marki)**

5. Min taħseb li kienu l-ikbar vittmi ta' għemil Jumi?

_________________________________________________ **(marka)**

6. Fisser fi kliemek skond kif użati fis-silta: **(3 marki)**

a) *bil-lenti tagħna*________________________________________

b) *dellu anqas tqil*________________________________________

ċ) *ilsien tal-għasel*________________________________________

7. L-aħħar paragrafu tas-silta fih stil narrattiv__; riflessiv__; argumentattiv__. **(marka)**

8. Semmi żewġ elementi li jorbtu lil din is-silta mat-*Tema tar-Relazzjonijiet*.

________________________________________________________

___________________________________________________**(2 marki)**

**(ii) Wieġeb mistoqsija *WAĦDA* u ikteb f'għamla ta' komponiment ta' madwar 200 kelma:** ***(16-il marka)***

a) Xi kitbiet bit-tema tal-folklor jagħtuna kwadri tal-ħajja qadima ta' niesna. Ikkummenta b'referenza għal xi xogħlijiet li studjajt.

b) F'**Qawsalla** naraw li hemm min għandu tifkiriet koroh ta' tfulitu. Billi tirreferi għal xi xogħlijiet, uri kemm dan hu minnu.

ċ) Irreferi għal xi kitbiet li qrajt bit-tema *L-Ambjent Soċjali* biex turi li hemm min hu vittma ta' l-ambjent li jgħix fih.

d) Il-missier ġie li jħares lejn wildu bil-weġgħa f'qalbu. Ikkummenta b'referenza għal xi kitbiet fit-tema *Relazzjonijiet*.

## F. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel **wieħed** u ikteb daqs **350 kelma** fuq karta separata:

i. Kemm nieħu gost nagħti daqqa t'id!

ii. Dakinhar kont ippremjat bi kbir!.

iii. X'sodisfazzjon nikseb x'ħin nagħmel is-sabiħ u t-tajjeb!

iv. Kwalitajiet sbieħ fiż-żgħażagħ.

v. Għax dejjem sibt min jgħinni u jagħmilli l-qalb, wasalt fejn wasalt.

vi. Bi tbissima u kelma f'waqtha tista' tgħolli l-moral ta' bosta. Uri kemm dan hu minnu fil-familja, fl-iskola, fl-isptarijiet, eċċ.